MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 14/2009

Mobisle Communications Limited
vs
Joseph Bugeja

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fid-29 ta' April 2009, li jghid hekk :

'Jintalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tliet mija u tnax –il euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€312.25) , liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 383119, u dan in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici, u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh, fit-termini tal-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, la deher u lanqas ipprezenta risposta ;

Fl-udjenza tad-9 ta' Dicembru 2009, sama' lil Emanuel Cini mpjegat mal-kumpanija Go plc, li taghha s-socjeta' attrici hija kumpannija sussidarja, li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi l-ammont li qed titlob is-socjeta' attrici huwa ghall-hlas in konnessjoni mas-servizzi tat-telefonija cellullari, liema servizzi kien intalab minn u gie moghti lill-konvenut, u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-formola tal-applikazzjoni ghal dan is-servizzi esibita mis-socjeta' attrici, dokument EC2, debitament iffirmata mill-konvenut ;

Mill-statement tal-kont esibit jirrizulta li ghall-perjodu bejn id-19 ta' Frar 2008, sa meta gie effettivament sospiz is-servizz f'Lulju 2008, il-konvenut m'ghamel ebda hlasijiet minkejja li jirrizulta mill-istess kont li baqa' jaghmel uzu mis-servizz tat-telefonija cellullari offrut mis-socjeta' attrici ;

Ikkunsidra fid-dawl tal-provi mressqa, bl-ebda mod ma gew ikkontestati, li l-konvenut effettivament ghamel uzu mis-servizz tat-telefonija cellulari offrut mis-socjeta' attrici ghall-perjodu li jidher fl-statement tal-kont esibit, u li baqg' ma hallasx il-kontijiet li kien ghad fadal pendenti wara li s-servizz kien gie sospiz, u wara li kienet saritlu wkoll interpellazzjoni ghall-hlas permezz ta' ittra ufficjali.

Ghaldaqstant  it-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenut  sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u tnax –il Euro u hamsa u ghoxrin centesimi [€312.25], ammont dovut ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz tat-talba, bl-imghax legali b'effett mill-1 ta' Lulju 2008, sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, kontra l-istess konvenut, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali pprezentata fir-Registru Inferjuri Malta, fis-26 ta' Awwissu 2004 (Ittra numru 5063/2004) u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 107/09.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------